

IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-17 ta' Marzu 2016 – Pasqualetti vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-2/15) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Membru tal-persunal temporanu rreklutat mis-SEAE — Allowance ta' installazzjoni — Allowance ta' kuljum — Post ta' oriġini — Post ta' reklutaġġ — Bidla ta' residenza — Rikors għal annullament — Kawża għad-danni — ġurisdizzjoni sħiħa)

(2016/C 156/76)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Gergö Pasqualetti (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: A. Véghely, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Currall u T. S. Bohr, aġenti, sussegwentement T. S. Bohr, aġent)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti tal-allowance ta' installazzjoni u tal-allowance ta' kuljum lir-rikkorrent u talba sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallsu dawn l-allowances flimkien mal-interessi.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-4 ta' Marzu 2014 li permezz tagħha hija tirrifjuta li tagħti lil G. Pasqualetti l-benefiċċji tal-allowance ta' installazzjoni u tal-allowance ta' kuljum, previsti fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 10(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, hija annullata.*
- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lil G. Pasqualetti, skont ir-regoli fis-seħħ li jirriżultaw mir-Regolamenti tal-Persunal, l-ammonti tal-allowances imsemmija fil-punt 1 tad-dispożittiv, miżjudha bl-interessi moratorji, mid-dati li sihom dawn kienu dovuti rispettivament u sad-data tal-ħlas effettiv, bir-rata ffissata mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid u applikabbi matul il-perijodu kkonċernat, miżjudha b'żewġ punti.*
- 3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata tbat i-l-ispejjeż sostnuti minn G. Pasqualetti.*

⁽¹⁾ ĠU C 96, 23.3.2015, p. 25.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-18 ta' Marzu 2016 – Kerstens vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-23/15) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Ufficijali — Obbligi — Atti li jmorru kontra d-dinjità tas-servizz pubbliku — Tixrid ta' kumenti ingħerjuži dwar uffiċċjal ieħor — Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal — Proċedura dixxiplinari — Investigazzjoni fil-forma ta' eżami tal-fatti — Ċanfira — Artikolu 9(1)(b) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal — Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni — Irregolarità proċedurali — Konsegwenzi tal-irregolaritā)

(2016/C 156/77)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Petrus Kerstens (Overijse, il-Belġju) (rappreżentanti: C. Mourato, avukat)